28.9.2012

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 0262/2012, imressqa minn István u Martina Kovács, ta' ċittadinanza Ungeriża, dwar il-pensjonijiet fil-Ġermanja u l-Ungerija**

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanti qed jiddikjaraw li l-awtoritajiet tal-pensjoni Ġermaniżi u Ungeriżi qed jonqsu milli jirrispettaw il-leġiżlazzjoni Ewropea (Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u Nru 574/72) fir-rigward tal-kalkolu tal-pensjonijiet tagħhom. Huma diġà avviċinaw bosta awtoritajiet (inkluż is-SOLVIT u l-Ombudsman Ungeriż) iżda ma kisbux għajnuna biżżejjed mingħandhom.

## 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-26 ta' Ġunju 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. **Risposta tal-Kummissjoni**, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

'Il-Kummissjoni diġà kellha l-opportunità li teżamina l-allegazzjonijiet tal-petizzjonanti fid-dettall u kkonkludiet li l-ilment preċedenti tagħhom ma kienx jipponta lejn applikazzjoni ħażina tal-liġi tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni infurmat lill-petizzjonanti dwar ir-riżultati tal-analiżi tagħha tal-ilment tagħhom f'żewġ ittri ddettaljati ħafna datati l-4 ta' Marzu 2011 u t-13 ta' Mejju 2011.

Mill-bidu, il-Kummissjoni għal darb'oħra tfakkar lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li, skont linja kostanti ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-liġi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 48 TFUE u r-regoli tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali adottati abbażi

tiegħu[1], "jipprovdi għall-koordinazzjoni, u mhux l-armonizzazzjoni, tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri".[2] Għaldaqstant, "differenzi sostantivi u proċedurali bejn l-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri individwali, u għalhekk fid-drittijiet ta' persuni li huma assigurati hemm, mhumiex milquta minn din id-dispożizzjoni, minħabba li kull Stat Membru jżomm il-poter li jiddetermina fil-leġiżlazzjoni tiegħu, f'konformità mal-liġi tal-UE, il-kundizzjonijiet skont liema benefiċċji jistgħu jingħataw taħt skema tas-sigurtà soċjali".[3]

L-ewwel petizzjonant essenzjalment jilmenta li ma kienx mogħti pensjoni tax-xjuħija bikrija mill-istituzzjoni tal-pensjoni kompetenti Ġermaniża. Kif jirriżulta b'mod ċar mid-dokumenti ppreżentati minnu, din l-applikazzjoni ġiet miċħuda minħabba li huwa ma jissodisfax il-kundizzjonijiet (mhux diskriminatorji) stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali Ġermaniża li jippermettu l-irtirar kmieni. Peress li l-liġi tal-Unjoni Ewropea tipprovdi biss għall-koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali, din ma tistabbilixxi l-ebda kundizzjonijiet li bihom persuna tkun intitolata għall-irtirar bikri, aħseb u ara kemm tipprovdi bażi legali biex issir talba reali għal pensjoni tax-xjuħija bikrija (jew ta' kwalunkwe tip ieħor ta' benefiċċju tas-sigurtà soċjali). Din hija biss kwistjoni ta' liġi nazzjonali. Ċertu pubblikazzjonijiet maħruġa minn istituzzjonijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali (li, barra minn hekk, jidhru li pjuttost jikkonċernaw is-sitwazzjoni fir-rigward tal-liġi Ungeriża) li l-ewwel petizzjonant jidher li jifhem b'mod differenti, ma jistgħux jikkontestaw dan il-fatt. Għall-finijiet ta' kompletezza, il-Kummissjoni tinnota li l-ewwel petizzjonant jidher li fil-fatt jirċievi pensjoni tax-xjuħija bikrija Ungeriża.

Il-petizzjonant jikkontendi wkoll li l-istituzzjoni tal-pensjoni kompetenti Ungeriża rrifjutat b'mod ħażin li tagħtih il-formola vojta E 202. Kuntrarjament għal dak li jemmen, din il-formola mhix formola ta' applikazzjoni li tintuża minn ċittadin sabiex jitlob pensjoni tax-xjuħija. It-talbiet għal pensjonijiet tax-xjuħija għandhom jiġu introdotti fl-Istat Membru ta' residenza bl-użu tal-formoli pprovduti mill-istituzzjoni kompetenti f'dak l-Istat Membru. Dan huwa eżattament dak li l-istituzzjoni tal-pensjoni kompetenti Ungeriża esiġiet mill-ewwel petizzjonant. Imbagħad, it-talbiet jgħaddu mingħand dik l-istituzzjoni għall-istituzzjonijiet fi Stati Membri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni permezz tal-formola E 202. Il-formola E 202 hija għalhekk mezz ta' komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u mhijiex formola ta' applikazzjoni li għandha tingħata liċ-ċittadini. Għall-finijiet ta'

---

[1] Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għal membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 592/2008 (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE ) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità, ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 120/2009 (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 29) li kienu sostitwiti mill-1 ta' Mejju 2010 bir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali, ĠU L 200, 7.6.2001, p. 1 (Corrigendum), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 (ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4) u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali, ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 (ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4).

[2] *Ara biss* Kawżi magħquda C-611/10 u C-612/10 *Hudziński and Wawrzyniak*, li għadhom mhux irrappurtati, il-paragrafu 41 u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk.

[3] *Hudziński and Wawrzyniak*, il-paragrafu 41.

kompletezza, il-Kummissjoni tinnota li t-talba tal-ewwel petizzjonant kienet eventwalment ipproċessata u mibgħuta lill-istituzzjoni tal-pensjoni Ġermaniża permezz tal-formola E 202 ladarba huwa ppreżenta t-talba tiegħu permezz tal-formola nazzjonali.

It-tieni petizzjonanta essenzjalment tilmenta li l-istituzzjoni kompetenti Ungeriża tatha pensjoni għall-invalidità parzjali waqt li hi temmen li kellha tiġi meqjusa bħala persuna kompletament invalida. Il-Kummissjoni tindika li l-konkordanza bejn il-leġiżlazzjoni Ġermaniża u l-leġiżlazzjoni Ungeriża dwar il-kundizzjonijiet marbutin mal-grad ta' invalidità mhijiex rikonoxxuta skont l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 moqri flimkien mal-Anness V ta' dan ir-regolament (mill-1 ta' Mejju 2010: l-Artikolu 46(3) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 moqri flimkien mal-Anness VII ta' dan ir-regolament). Għalhekk, skont l-Artikoli 40 u 51(1) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 (mill-1 ta' Mejju 2010: l-Artikolu 49(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009), l-istituzzjonijiet tal-pensjoni tal-invalidità kompetenti Ġermaniżi u Ungeriżi jibqgħu kompetenti għad-determinazzjoni tal-grad ta' invalidità skont il-kriterji ta' valutazzjoni u r-regoli proċedurali stabbiliti skont il-liġi nazzjonali rispettiva. Dawn mhumiex marbuta b'dak li jiġi ddeterminat mill-istituzzjoni l-oħra u jżommu d-dritt li jesiġu li l-persuna kkonċernata tiġi eżaminata minn tabib tal-għażla tagħhom. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-istituzzjoni kompetenti għall-pensjoni ta' invalidità tista' titlob lill-persuna kkonċernata biex tivvjaġġa għal dak l-iskop lejn l-Istat Membru li fih tinsab dik l-istituzzjoni jekk l-istat tas-saħħa tal-benefiċjarju jippermetti dan.[1] Fi kwalunkwe każ, il-liġi tal-Unjoni Ewropea ma tinkludi l-ebda standard sostantiv għall-valutazzjoni tal-grad ta' invalidità. Għaldaqstant, id-determinazzjoni tal-grad ta' invalidità mwettqa mill-istituzzjonijiet tal-pensjoni ta' invalidità Ungeriżi (u Ġermaniżi) ma tistax tiġi evalwata skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea.

Il-petizzjonanti jsostnu li ċerti formoli E maħruġa minn istituzzjonijiet differenti tas-sigurtà soċjali jinkludu ċertu żbalji li jammontaw għal falsifikazzjoni. Il-Kummissjoni għal darb'oħra tispjega li l-formoli E, anke minħabba li xi wħud minnhom jingħataw liċ-ċittadini, huma mezz ta' komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jinħarġu mill-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Għaldaqstant huma jinkludu informazzjoni maħruġa minn istituzzjoni tas-sigurtà soċjali. Fi kwalunkwe każ, jidher mid-dokumenti ppreżentati mill-petizzjonanti li kwalunkwe żball li seta' kien hemm f'dawn il-formoli E meta nħarġu, ma kellu ebda influwenza negattiva fuq id-drittijiet tagħhom. L-aktar importanti, il-petizzjonanti ġew identifikati b'mod korrett mill-istituzzjonijiet kollha tas-sigurtà soċjali kkonċernati minkejja ċertu ineżattezzi. Għall-finijiet taċ-ċarezza, il-Kummissjoni tinnota li t-tieni petizzjonanta tidher li fil-fatt irċeviet - u għadha tirċievi - trattament mediku għall-kundizzjoni tas-saħħa tagħha.

Il-petizzjonanti jirreferu wkoll għal ċaħdiet ta' ċerti benefiċċji tas-sigurtà soċjali fiż-żmien qabel l-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 (jew, skont il-każ, qabel il-konklużjoni tal-ftehim bilaterali Ġermaniż-Ungeriż dwar is-sigurtà soċjali). Peress li l-liġi tal-Unjoni Ewropea bdiet tapplika biss fir-relazzjonijiet mal-Ungerija sa mill-1 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni mhix se tikkummenta dwar dawn il-kwistjonijiet.

Konklużjoni

---

[1] Każ C-344/89 *Martínez Vidal* [1991] ECR I-3245, il-paragrafu 15.

L-informazzjoni sottomessa mill-petizzjonanti lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, anke meta evalwata fid-dawl tal-informazzjoni ppreżentata direttament mill-petizzjonanti lill-Kummissjoni aktar kmieni, ma tippuntax lejn applikazzjoni ħażina tal-liġi tal-Unjoni Ewropea.